

**Brussell, 4 ta' Lulju 2019
(OR. en)**

**10170/1/19
REV 1**

**ECOFIN 625
UEM 228
SOC 477
EMPL 366
COMPET 506
ENV 597
EDUC 312
RECH 345
ENER 349
JAI 707
FSTR 128
REGIO 164**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	9942/19 - COM(2019) 517 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 517 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2019 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-2019 biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 tal-Ungerija ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Huwa vvaluta l-progress tal-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018³, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ungerija lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.
- (3) Fit-30 ta' April 2019, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2019. Iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin biex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 72.

- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati waqt l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Bħalissa l-Ungerija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2019, il-gvern qed jippjana titjib tad-defiċit nominali għal 1,8 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 minn 2,2 % fl-2018. Id-defiċit huwa ppjanat li jkompli jitjieb gradwalment minn hemm 'il quddiem għal 1,2 % fl-2021 u li tintlaħaq pożizzjoni baġitarja bilanċjata fl-2023. Abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkolat (⁵), l-Ungerija ser tkun qrib l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha — li nbidel minn defiċit strutturali ta' 1,5 % tal-PDG fl-2019 għal 1,0 % tal-PDG mill-2020 — sal-2022, u ser tilħqu fis-sena ta' wara. Skont il-Programm ta' Konverġenza, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment għal taħt is-60 % sa tmiem l-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2019 u distintament favorevoli mill-2020, li johlq riskji għall-implimentazzjoni tal-miri tad-defiċit. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2020 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁵ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (6) Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sab li fl-2017 fl-Ungerija kienet osservata devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju. Fid-dawl tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni⁶, fejn irrakkomanda lill-Ungerija biex tieġu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern⁷ ma taqbiżx it-2,8 % fl-2018, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG. Fl-4 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/2028⁸, li tistabbilixxi li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2018, u ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta⁹. Fir-Rakkomandazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill talab lill-Ungerija biex tieġu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta tal-gvern ma taqbiżx it-3,3 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG. Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1003¹⁰, li tistabbilixxi li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018. Barra minn hekk, abbażi tad-data tal-eżitu tal-2018, l-Ungerija nstabt li kienet f'devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat fl-2018.

⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 1).

⁷ In-nefqa primarja netta tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2028 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva mill-Ungerija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-22 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 29).

⁹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-għan li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 4).

¹⁰ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1003 tal-14 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mill-Ungerija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 163, 20.6.2019, p. 64).

- (7) F'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kummissjoni ħarġet twissija lill-Ungerija fil-5 ta' Ġunju 2019 li devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju għet osservata fl-2018. Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni¹¹ sussegwenti lill-Ungerija li tikkonferma l-ħtieġa għall-Ungerija li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern ma taqbiżx it-3,3 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni minn dik ir-Rakkomandazzjoni fl-2019.
- (8) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill irrakkomanda lill-Ungerija biex tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li r-rata nominali ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta tal-gvern ma taqbiżx l-4,7 % fl-2020, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,75 % tal-PDG. Dan iqiegħed lill-Ungerija fil-perkors ta' aġġustament xieraq lejn l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2020. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li miżuri ulterjuri sinifikanti ser ikunu meħtieġa mill-2019 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 bil-għan li tikkoreġi d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2019 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 210, 21.6.2019, p. 4).

- (9) Ir-rata ta' impjieggi kumplessivament tgiebet b'mod sinifikanti fost espansjoni ekonomika qawwiya iżda ma kinitx ta' benefiċċju bl-istess mod għall-gruppi kollha. Id-differenzi fl-impjieggi u fil-pagi bejn il-gruppi tal-ħiliet u bejn l-irgħiel u n-nisa għadhom wiesgħa meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. Id-differenza bejn is-sessi fl-impjieggi hija dovuta parzjalment għall-provvista limitata ta' kura tat-tfal ta' kwalità tajba. L-eżiti tas-suq tax-xogħol għal diversi gruppi vulnerabbli, inkluż ir-Rom u l-persuni b'diżabilità, huma dgħajfa. Minkejja t-tnaqqis tagħha, l-Iskema ta' Xogħlijiet Pubbliċi, li mhijiex effettiva biex twassal il-parteċipanti għall-impjieggi fis-suq tax-xogħol primarju, għadha mdaqqsa. Politiki oħra biex jgħinu lin-nies qiegħda jew inattivi jsibu xogħol jew taħriġ mhumiex immirati biżżejjed. L-iżvilupp tal-ħiliet diġitali jista' jgħin biex titjeb l-impjegabbiltà. Il-miżuri reċenti tfasslu biex aktar ħaddiema rtirati jerġgħu jsibu xogħol u biex jiżdied l-għadd tagħhom maż-żmien. Is-sitwazzjoni kumplessiva tal-faqar fl-Ungerija ilha titjeb sa mill-2013. Id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad hija l-iqsar fl-Unjoni, b'massimu ta' tliet xhur, li huwa ferm inqas mill-medja taż-żmien meħtieġ biex jinstab impjieg.
- (10) Il-proporzjon ta' nies fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali qed jonqos. Kien hemm bidla ċara mill-benefiċċji soċjali lejn l-appoġġ tal-familja relatat max-xogħol u l-benefiċċji in natura, li madankollu mhumiex immirati biżżejjed għall-foqra. Filwaqt li s-sussidji għas-sjieda tad-djar espandew, ma kien hemm l-ebda titjib fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali.

- (11) L-eżiti tal-edukazzjoni huma taħt il-medja tal-Unjoni u juru disparitajiet territorjali wiesgħa. Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola hija oġhla u r-rata ta' kisba tal-edukazzjoni terzjarja hija aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni. Is-sistema edukattiva xxekkel il-mobbiltà soċjali. L-istudenti jiġu strimjati kmieni f'tipi ta' skejjel differenti, b'distakki kbar fir-riżultati edukattivi u fil-perkorsi lejn l-impjieg. Il-proporzjon ta' skejjel primarji b'maġġoranza ta' parteċipazzjoni tar-Rom żdied minn 10 % fl-2008 għal 15 % fl-2017. L-impatt ta' miżuri reċenti mmirati lejn id-distribuzzjoni uniformi ta' studenti żvantaġġati fl-iskejjel huwa limitat minħabba li skejjel mhux statali huma eżentati mir-rekwiżit li jieħdu studenti żvantaġġati. Tfal żvantaġġati għandhom it-tendenza li jkunu kkonċentrati fl-iskejjel sekondarji vokazzjonali fejn livelli ifqar ta' ħiliet bażiċi, rati oġhla ta' tluq bikri mill-iskola u pagi u prospetti ta' karriera aktar baxxi huma aktar prevalenti. Il-parteċipazzjoni baxxa ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, f'edukazzjoni ta' kwalità hija opportunità mitlufa biex jinbena l-kapital uman. In-nuqqas ta' għalliema jibqa' wkoll sfida. Is-salarji tal-għalliema żdiedu f'dawn l-aħħar snin iżda għadhom relattivament baxxi, meta mqabbla ma' gradwati oħrajn fl-edukazzjoni terzjarja. L-għadd baxx ta' studenti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni għolja mhuwiex konformi mad-domanda qawwija għal ħaddiema b'ħiliet għolja u l-primjum tal-pagi tal-gradwati terzjarji, li huwa l-oġhla fl-Unjoni. L-istituzzjonijiet Ungeriżi tal-edukazzjoni għolja għandhom l-aktar awtonomija finanzjarja baxxa fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-emenda ta' April 2017 tal-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja, li stabbiliet rekwiżiti addizzjonali għall-universitajiet internazzjonali biex joperaw fl-Ungerija, qajmet aktar tħassib dwar il-libertà akkademika. Fl-2018, l-università Ungeriża kklassifikata internazzjonalment uriet l-intenzjoni tagħha li tħalli l-pajjiż minħabba l-inċertezza regolatorja maħluqa minn din l-emenda.

- (12) Ir-riżultati tas-saħħa għadhom lura meta mqabbla ma' ħafna mill-Istati Membri, u dan jirrifletti kemm stili ta' ħajja li mhum iex tajbin għas-saħħa kif ukoll l-effikaċja limitata tal-provvediment tal-kura tas-saħħa. Il-prevalenza tat-tipjip, tal-problemi tal-abbuż tal-alkoħol u tal-obeziżità hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni. L-Ungeriżi huma fost dawk li l-aktar probabbli fl-Unjoni li jsofru minn mewta prematura minħabba l-kwalità ħażina tal-arja. L-għadd ta' mwiet li jistgħu jiġu evitati huwa wieħed mill-ogħla fl-Unjoni parzjalment minħabba kontroll u ġestjoni tal-kura primarja inadegwati. Hemm differenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fl-aċċess għall-kura ta' kwalità. L-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa huwa taħt il-medja tal-Unjoni u ċ-ċittadini jiddependu fuq ħlasijiet minn buthom biex jaċċessaw kura ta' kwalità, bir-riskju li d-distakk soċjoekonomiku jkompli jittwessa'. Is-sistema għadha wisq iddur mal-isptar, b'nuqqasijiet fil-kura primarja, b'mod partikolari d-detezzjoni bikrija u l-prevenzjoni ta' mard kroniku. Nuqqas kbir ta' persunal tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari tobba tal-familja u infermiera, ifixkel l-aċċess għall-kura f'żoni ifqar.
- (13) Iż-żieda fil-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tista' ttejjeb il-prestazzjoni modesta tal-innovazzjoni tal-Ungerija u żżid il-produttività. Il-livell baxx ta' akkumulazzjoni ta' assi intellettuali huwa rifless fl-għadd baxx ta' applikazzjonijiet għal privattivi, trademarks u disinn, l-għadd żgħir ta' negozji innovattivi u l-livell baxx ta' internazzjonalizzazzjoni minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Kumpaniji iżgħar qegħdin isibuha bi tqila biex jinnovaw, u dan ixekkel l-involvement tagħhom fil-ktajjen tal-valur globali. Ir-R&Ż tan-negozju huma kkonċentrati fi ftit kumpaniji kbar, prinċipalment b'sjieda barranija, u jibbenefikaw minn appoġġ ġeneruż mill-gvern. L-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju jikkontribwixxi għal prestazzjoni aħjar fl-innovazzjoni u għat-trasferiment tat-teknoloġija. Il-kwalità tax-xjenza pubblika qed issofri minn politiki ineffiċjenti tar-R&Ż u minn nuqqas ta' finanzjament minħabba li n-nefqa tas-settur pubbliku fuq ir-R&Ż hija ferm inqas mill-medja tal-Unjoni. Miżuri ta' politika reċenti, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-finanzjament u li jillimitaw l-indipendenza ta' fora akkademiċi u ta' riċerka qed joħolqu inċertezza f'dawk il-fora, u jistgħu jirriżultaw fl-emigrazzjoni tal-aqwa talent ta' riċerka u fir-riskju ta' tnaqqis persistenti fil-kwalità tar-riċerka.

- (14) Konnettività tat-trasport pubbliku lokali dgħajfa u kostijiet għolja għall-ivvjaġġar qed jikkontribwixxu għall-qgħad f'żoni żvantaġġati. Il-kundizzjoni ħażina tan-networks tat-toroq u tal-ferroviji xxekkel il-mobilità u tnaqqas is-sikurezza tal-ivvjaġġar, b'aktar minn nofs in-network tat-toroq f'kundizzjoni ħażina, speċjalment freġġuni żvantaġġati. In-networks tat-trasport huma ċċentrati fuq Budapest, filwaqt li networks lokali u konnessjonijiet trasversali madwar il-pajjiż mhumiex żviluppati sew. Il-konġestjoni tat-toroq hija sfida li qiegħda dejjem tikber u ostaklu għall-produttività fiż-żoni urbani tal-Ungerija. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu ħafna dawn l-aħħar ħames snin.
- (15) L-effiċjenza enerġetika fis-settur residenzjali għadha dgħajfa. In-network tal-elettriku jeħtieġ li jiġi ppreparat għar-rwol dejjem jikber tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli deċentralizzata. Nofs it-territorju tal-Ungerija huwa espost b'mod sinifikanti għar-riskji tat-tibdil fil-klima inkluż in-nixfa u l-għargħar, li joħolqu l-ħtieġa għal investiment fil-ġestjoni tal-ilma fix-xmajjar ewlenin. It-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-ilma għadhom ta' tħassib. Is-sorsi ewlenin ta' tniġġis huma l-kombustjoni residenzjali ta' fjuwil solidu, l-emissjonijiet mill-agrikoltura u mit-trasport. L-ekonomija ċirkolari għadha f'fażi inizjali, ir-riċiklaġġ tal-iskart municipli huwa sottożviluppat u l-istrumenti ekonomiċi mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali Ungeriżi.
- (16) Għad hemm tħassib dwar il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. Diversi indikaturi jissuġġerixxu li l-esponiment tal-Ungerija għall-korruzzjoni żdied f'dawn l-aħħar snin. Ir-riskji ta' korruzzjoni u l-favoritiżmu jfixxlu l-allokazzjoni tar-riżorsi peress li dawn mhumiex mgħoddija lejn l-aktar ditti produttivi. Il-funzjonament tas-servizz tal-prosekuzzjoni huwa ta' importanza kruċjali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Filwaqt li miżuri biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni ta' livell baxx jidhru li ġew applikati b'xi suċċess, għad m'hemm l-ebda sinjal ta' azzjoni determinata biex issir prosekuzzjoni tal-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali ta' livell għoli jew iċ-ċirku immedjat tagħhom meta jirriżultaw allegazzjonijiet serji. Ir-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet biex jingħalqu l-investigazzjonijiet hija kwistjoni ta' tħassib, peress li ma hemm l-ebda rimedju effettiv biex jiġu kkontestati tali deċiżjonijiet. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni hija mxekkla ulterjorment mill-istituzzjonijiet publiċi li japplikaw restrizzjonijiet, inkluż miżati dissważivi għall-aċċess għall-informazzjoni.

- (17) L-indipendenza, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja huma kruċjali biex jattiraw in-negozju u jippermettu t-tkabbir ekonomiku. Il-kontrolli u l-bilanċi, li huma kruċjali biex tiġi żgurata l-indipendenza ġudizzjarja, komplew jiddgħajfu fi ħdan is-sistema tal-qrati ta' ġudikatura ordinarja. Il-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali qed iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet dejjem akbar biex jibbilanċja s-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura. Dan jagħti lok għal tħassib dwar l-indipendenza ġudizzjarja. Fir-rigward tal-Liġi tal-Qrati Amministrattivi, huwa nnutat li l-gvern ippreżenta abbozz ta' liġi li tirtira l-Att dwar ir-regoli għad-dħul fis-seħħ u r-regoli tranżizzjonali għall-qrati amministrattivi fit-30 ta' Mejju 2019.
- (18) Il-qafas tal-akkwist pubbliku tjiieb f'dawn l-aħħar snin iżda għad hemm ostakli għall-kompetizzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' proċeduri speċjali b'pubbliċità limitata u irregolaritajiet sistemiċi fil-proċessi tal-offerti, b'mod partikolari relatati ma' kriterji tal-għażla u tal-ġhoti inadegwati u trattament mhux uguali tal-offerenti. Filwaqt li xi indikaturi juru titjib, l-għadd ta' proċeduri b'offerent wieħed għadu għoli. L-użu effikaċi tal-akkwist elettroniku jista' jkompli jżid l-effiċjenza u t-trasparenza.
- (19) L-istrutturi u l-proċessi Ungeriżi tad-djalogu soċjali għadhom sottożviluppati u ma jippermettux involviment sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. In-nuqqasijiet fl-impenn tal-partijiet ikkonċernati u t-trasparenza limitata jimminaw il-bażi ta' evidenza għat-tfassil ta' politika u l-kwalità tiegħu. Dan jirriżulta f'bidliet frekwenti u imprevedibbli fir-regolamenti u jiskoraġġixxi l-investimenti ta' valur miżjud għoli.
- (20) Ittiegħdu miżuri biex tkompli titjeb is-sistema tat-taxxa, iżda għad hemm xi sfidi. Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol naqas iżda għadu għoli għal dawk bi dħul baxx. Taxxi speċifiċi għas-settur u għadd kbir ta' taxxi żgħar jikkomplikaw is-sistema tat-taxxa u jgħollu l-kostijiet ta' konformità, b'mod partikolari għal ditti iżgħar.

- (21) L-ostakli regolatorji u l-involvement tal-Istat fis-swieq tal-prodotti jfixklu l-għażla tal-intrapriżi effiċjenti u jillimitaw il-kompetizzjoni. L-awtoritajiet qed ikomplu jafdaw ċerti servizzi lil ditti tal-Istat jew ditti privati maħluqa speċifikament għal dawn l-għanijiet. Ċerta leġislazzjoni u ċerti miżuri mfassla apposta u eżenzjonijiet ad hoc mill-iskrutinju tal-kompetizzjoni jfixklu l-funzjonament tas-suq u jxekklu l-investment. In-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-qafas legali huwa problema ulterjuri, speċjalment fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, li fis-snin reċenti ħabbat wiċċu ma' bidliet frekwenti fir-regolamenti. Il-leġislazzjoni li timponi awtorizzazzjoni speċjali addizzjonali għal modifiki fl-użu jew disinn ta' postijiet għall-bejgħ bl-imnut ġiet introdotta s-sena li għaddiet. Ir-regolamentazzjoni tal-professjonijiet għadha restrittiva wkoll. In-nuqqas ta' kompetizzjoni f'dawn is-setturi jista' jkun detrimental għall-innovazzjoni u l-effiċjenza.
- (22) Il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali biex is-sistemi tat-taxxa jsiru aktar effiċjenti u ġusti. L-effetti sekondarji tal-istrateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa mill-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni kkoordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni. L-Ungerija ħadet miżuri kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda tirreġistra dħul u ħruġ ta' kapital relattivament għoljin permezz ta' entitajiet bi skop speċjali, li l-effett tagħhom fuq l-ekonomija reali hu ftit li xejn jew xejn. In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-ġhajn fuq pagamenti ta' dividend, ta' interessi u ta' royalties li joħroġu mill-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiżi terzi), li jsiru minn kumpaniji bbażati fl-Ungerija jista' jwassal biex daww il-pagamenti jaħarbu t-taxxa għalkollox, jekk ma jkunux soġġetti għal taxxa fil-ġurisdizzjoni reċipjenti.
- (23) L-ipprogrammar tal-Fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż għall-2019. Dan jippermetti li l-Ungerija tagħmel l-aqwa użu ta' dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, waqt li tikkunsidra d-disparitajiet reġjonali.

- (24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza għall-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2019 u l-opinjoni¹² tiegħu hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tiegħu azzjoni fl-2019 u l-2020 biex:

1. Tiżgura konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019, bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju.
2. Tkompli l-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-ħiliet, u ttejjeb l-adegwatezza tal-assistenza soċjali u l-benefiċċji tal-qgħad. Ittejjeb ir-riżultati edukattivi u żżid il-parteciċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, f'edukazzjoni formali inklużiva ta' kwalità. Ittejjeb ir-riżultati fil-qasam tas-saħħa billi tappoġġa miżuri sanitarji preventivi u ssaħħaħ il-kura tas-saħħa primarja.
3. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija b'livell baxx ta' karbonju, l-infrastruttura tat-trasport, il-ġestjoni tal-iskart u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Ittejjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku.

¹² Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

4. Issaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni, anki billi ttejjeb l-isforzi tal-prosekuzzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, u ssaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja. Ittejjeb il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' djalogu soċjali effettiv u impenn ma' partijiet interessati oħrajn u permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt regolari u xierqa. Tkompli tissimplifika s-sistema tat-taxxa, filwaqt li ssaħħaħha kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Ittejjeb il-kompetizzjoni u l-prevedibbiltà regolatorja fis-settur tas-servizzi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
